2026/1869

28.7.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1869

tas-27 ta' Lulju 2026

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/194 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 fir-rigward ta' skemi speċjali għal persuni taxxabbli li jipprovdu servizzi lil persuni mhux taxxabbli jew li jbigħu b'distanza oġġetti, ċerti provvisti domestiċi ta' merkanzija jew trasferimenti ta' merkanzija proprja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 47l, il-punti (a) u (b), tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2025/516 ([2]) emendat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([3]) billi testendi wħud mill-iskemi speċjali għal persuni taxxabbli li jipprovdu servizzi lil persuni mhux taxxabbli, jew li jbigħu b'distanza oġġetti u jwettqu ċerti provvisti domestiċi ta' oġġetti previsti f'din id-Direttiva tal-aħħar, u żiedet skema speċjali ġdida.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/194 ([4]) jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 fir-rigward ta' skemi speċjali għal persuni taxxabbli li jipprovdu servizzi lil persuni mhux taxxabbli, li jbigħu b'distanza oġġetti u ċerti provvisti domestiċi ta' oġġetti.

(3) Fid-dawl tal-aħħar emendi tad-Direttiva 2006/112/KE u tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, huwa meħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/194 jiġi emendat, aġġornat u ċċarat sabiex ikompli jiġi żgurat il-funzjonament xieraq u sikur tal-iskemi speċjali kollha u biex tiġi ggarantita l-armonizzazzjoni tar-rapportar elettroniku fl-iskemi kollha, kif ukoll biex tiġi appoġġata l-applikazzjoni uniformi fl-Istati Membri kollha.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/194 jiġi emendat kif xieraq.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva,

([1]) ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/904/oj.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2025/516 tal-11 ta' Marzu 2025 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali (ĠU L, 2025/516, 25.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2025/516/oj).
([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/194 tat-12 ta' Frar 2020 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 fir-rigward ta' skemi speċjali għal persuni taxxabbli li jipprovdu servizzi lil persuni mhux taxxabbli, li jbigħu b'distanza oġġetti u ċerti provvisti domestiċi ta' oġġetti (ĠU L 40, 13.2.2020, p. 114, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/194/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/194

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/194 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (2) u (4) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(2) 'skema tal-Unjoni' tfisser l-iskema speċjali għall-bejgħ b'distanza intra-Komunitarja ta' oġġetti, għal ċerti provvisti ta' oġġetti fi Stat Membru minn persuna taxxabbli u għal ċerti servizzi pprovduti minn persuni taxxabbli stabbiliti fil-Komunità iżda mhux fl-Istat Membru tal-konsum prevista fit-Titolu XII, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 3, tad-Direttiva 2006/112/KE;";

"(4) 'skema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja' tfisser l-iskema speċjali għal trasferimenti ta' merkanzija proprja prevista fit-Titolu XII, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 5, tad-Direttiva 2006/112/KE;";

(b) jiżdied il-punt (5) li ġej:

"(5) 'skemi speċjali' tfisser l-iskema mhux tal-Unjoni, l-iskema tal-Unjoni, l-iskema ta' importazzjoni u l-skema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja.';

(2) fl-Artikolu 2, il-punt (a) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(a) toffri l-possibilità li tiġi ssejvjata l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta skont l-Artikolu 361 jew 369p tad-Direttiva 2006/112/KE, u kwalunkwe bidla fiha, kif ukoll l-informazzjoni li trid tiġi inkluża fid-dikjarazzjoni tal-VAT f'konformità mal-Artikoli 365, 369g, 369t jew 369xg tad-Direttiva 2006/112/KE, qabel ma l-informazzjoni jew il-bidla tiġi ppreżentata;';

(3) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) informazzjoni biex tiġi identifikata l-persuna taxxabbli li tuża l-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja.";

(b) fil-paragrafu 2, il-punti minn (a) sa (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) il-kolonna C għall-iskema mhux tal-Unjoni;

(b) il-kolonna D għall-iskema tal-Unjoni;

(c) il-kolonna E għall-iskema ta' importazzjoni għall-identifikazzjoni tal-persuna taxxabbli f'konformità mal-Artikolu 369p(1) jew (3) tad-Direttiva 2006/112/KE;

(d) il-kolonna F għall-iskema ta' importazzjoni għall-identifikazzjoni tal-intermedjarju f'konformità mal-Artikolu 369p(2) tad-Direttiva 2006/112/KE;

(e) il-kolonna G għall-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja.";

(c) fil-paragrafu 3, il-punti (a) u (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) hija eskluża jew imħassra mir-reġistru ta' identifikazzjoni ta' waħda mill-iskemi speċjali f'konformità mal-Artikolu 363, mal-Artikolu 369e, mal-Artikolu 369r(1) jew (3) jew mal-Artikolu 369xe tad-Direttiva 2006/112/KE;";

"(c) tbiddel l-Istat Membru ta' identifikazzjoni fil-kuntest tal-iskema tal-Unjoni, tal-iskema ta' importazzjoni jew tal-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja."

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(5) In-numri ta' identifikazzjoni individwali tal-VAT allokati jew, kif applikabbli, fir-rigward ta' persuni taxxabbli f'konformità mal-Artikolu 369q(1) u (3) tad-Direttiva 2006/112/KE, kif ukoll l-isem, l-indirizz postali, l-indirizz elettroniku, in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jew in-numru tat-taxxa nazzjonali, l-istatus ta' persuna taxxabbli meqjusa li rċeviet u pprovdiet oġġetti f'konformità mal-Artikolu 14a(1) u, fejn disponibbli, is-siti web skont l-Artikolu 369p(1) u (3) ta' dik id-Direttiva għandhom jiġu skambjati b'mod awtomatiku bejn l-Istat Membru ta' identifikazzjoni u l-Istati Membri l-oħrajn permezz ta' reġistru ċentrali jew għodda affidabbli oħra ta' kondiviżjoni tad-data b'mod li jiżgura f'kull ħin li l-Istati Membri jkollhom stampa aġġornata korretta tal-validità ta' dawn in-numri kollha ta' identifikazzjoni tal-VAT li jkunu ġew allokati mill-Istati Membri kollha.";

(e) jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"(6) Sabiex tiġi żgurata l-kwalità tad-data, l-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jimla minn qabel l-informazzjoni diġà disponibbli fil-bażi tad-data nazzjonali tiegħu dwar persuni taxxabbli li jitolbu r-reġistrazzjoni tagħhom fi skema speċjali, kif stabbilit fl-Anness I. Il-persuna taxxabbli hija responsabbli għall-korrettezza tad-data.";

(4) l-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-VAT tal-persuna taxxabbli

1. Il-persuna taxxabbli jew, meta applikabbli fil-każ tal-iskema ta' importazzjoni, l-intermedjarju li jaġixxi f'isem dik il-persuna taxxabbli għandhom jippreżentaw id-dikjarazzjonijiet tal-VAT bid-dettalji meħtieġa f'konformità mal-Artikoli 365, 369g, 369t jew 369xg tad-Direttiva 2006/112/KE lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni permezz tal-messaġġ elettroniku komuni li jidher fl-Anness III ta' dan ir-Regolament. Il-kolonna C ta' dak il-messaġġ elettroniku komuni għandha tintuża għall-iskema mhux tal-Unjoni, il-kolonna D għall-iskema tal-Unjoni, il-kolonna E għall-iskema ta' importazzjoni, u l-kolonna F għall-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja.

2. Meta persuna taxxabbli ma twettaq l-ebda provvista ta' oġġetti jew servizzi jew l-ebda trasferiment ta' merkanzija proprja jew l-ebda aġġustament ta' tnaqqis taħt skema speċjali fi kwalunkwe Stat Membru f'ċertu perjodu tat-taxxa u ma jkollha tagħmel l-ebda emenda tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT preċedenti, dik il-persuna taxxabbli għandha timla dikjarazzjoni tal-VAT nulla. Għal dak il-għan, il-persuna taxxabbli għandha timla l-kaxxi li ġejjin biss tal-messaġġ elettroniku komuni li jidher fl-Anness III:

(a) il-kaxex 1, 2, 2a, 2b, 9 u 27 għall-iskema mhux tal-Unjoni;

(b) il-kaxex 1, 2, 2a, 2b, 23 u 27 għall-iskema tal-Unjoni;

(c) il-kaxex 1, 1a, 2, 2a, 2b, 9 u 27 għall-iskema ta' importazzjoni;

(d) il-kaxex 1, 2, 2a, 2b, 4 u 28 għall-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja.

3. Il-persuna taxxabbli jew, meta applikabbli fil-każ tal-iskema ta' importazzjoni, l-intermedjarju li jaġixxi f'isem dik il-persuna taxxabbli għandhom iniżżlu l-provvisti relatati ma' Stat Membru ta' konsum biss meta l-provvisti ta' oġġetti jew servizzi taħt l-iskemi speċjali jkunu saru f'dak l-Istat Membru fi żmien il-perjodu tat-taxxa.

Il-persuna taxxabbli għandha tkun meħtieġa biss li tinkludi t-trasferimenti koperti mill-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja lejn Stat Membru jekk it-trasferimenti jkunu saru lejn dak l-Istat Membru fil-perjodu tat-taxxa.

Barra minn hekk, fil-każ tal-iskema tal-Unjoni, il-persuna taxxabbli għandha tniżżel il-provvisti ta' oġġetti msemmija fl-Artikolu 369g(2), il-punti (a), (b), (c) u (d), tad-Direttiva 2006/112/KE relatati ma' Stat Membru biss jekk oġġetti koperti mill-iskema tal-Unjoni jkunu pprovduti fi jew minn dak l-Istat Membru fi żmien il-perjodu tat-taxxa. B'mod simili, il-persuna taxxabbli għandha tniżżel il-provvisti ta' servizzi msemmija fl-Artikolu 369g(2), il-punt (d), u (3) tad-Direttiva 2006/112/KE li jaslu minn Stat Membru ta' stabbiliment biss meta dawn il-provvisti taħt l-iskema tal-Unjoni jkunu saru minn dak l-Istat Membru fi żmien il-perjodu tat-taxxa.

Fil-każ tal-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja, il-persuna taxxabbli għandha tniżżel it-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 369xg(2) tad-Direttiva 2006/112/KE li jkunu relatati ma' Stat Membru li minnu jintbagħtu jew jiġu ttrasportati oġġetti biss jekk l-oġġetti koperti mill-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja jkunu ntbagħtu jew ġew ittrasportati minn dak l-Istat Membru fi żmien il-perjodu tat-taxxa.";

(5) fl-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-informazzjoni li tinsab fid-dikjarazzjoni tal-VAT imsemmija fl-Artikolu 4(1) għandha tintbagħat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni permezz tan-netwerk CCN/CSI billi jintuża l-messaġġ elettroniku komuni li jidher fl-Anness III fil-każijiet kollha li ġejjin:

(a) lil kull Stat Membru ta' konsum, jew kull Stat Membru fejn l-oġġetti jiġu ttrasferiti, imsemmi fid-dikjarazzjoni tal-VAT;

(b) fil-każ tal-iskema tal-Unjoni, lil kull wieħed mill-Istati Membri li ġejjin imsemmija fid-dikjarazzjoni tal-VAT:

(i) kull Stat Membru li minnu jintbagħtu jew jiġu ttrasportati l-oġġetti;

(ii) kull Stat Membru ta' stabbiliment li minnu jkunu ġew ipprovduti servizzi;

(c) fil-każ tal-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja, lil kull Stat Membru msemmi fid-dikjarazzjoni tal-VAT li minnu jiġu ttrasferiti l-oġġetti.".

Artikolu 2

Emendi tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/194

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/194 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Is-sostituzzjoni tal-Annessi I, V u III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/194

L-Annessi I, II u III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/194 huma sostitwiti bit-test li jidher fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli 1 u 3 għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2028.

L-Artikolu 2 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2027 sat-30 ta' Ġunju 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-ANNESS I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/194 huwa emendat kif ġej:

(1) Ir-ringieli 8 u 20 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"8	Is-sit(i) web tal-persuna taxxabbli, meta disponibbli	Is-sit(i) web tal-persuna taxxabbli, meta disponibbli	Is-sit(i) web tal-persuna taxxabbli, meta disponibbli	"
"20		Indikatur jekk il-persuna taxxabbli hijiex grupp tal-VAT ([14]) ([15])	Indikatur jekk il-persuna taxxabbli hijiex grupp tal-VAT ([14]) ([15])	"

(2) Fin-noti f'qiegħ il-paġna, tiżdied in-nota f'qiegħ il-paġna li ġejja:

"([15]) Jekk il-persuna taxxabbli hija grupp tal-VAT, l-istabbilimenti fissi ma jridux jiġu indikati fil-kaxxa 13."

ANNESS II

"ANNESS I

Dettalji ta' identifikazzjoni

		Skema					
A	B	C	D	E	F	G	H
Nru tal-kaxxa	Element tad-data	Mhux tal-Unjoni	L-Unjoni	Importazzjoni	Intermedjarju	Trasferiment	Spjegazzjoni addizzjonali
Identifikazzjoni fl-Istat Membru ta' identifikazzjoni							
1 (*)	In-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT individwali tal-persuna taxxabbli allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 362 tad-Direttiva 2006/112/KE	x					Għandu jissegwa l-format: EUxxxyyyyyz, fejn: xxx huwa n-numru bi tliet ċifri tal-kodiċi numerika tal-ISO tal-Istat Membru ta' identifikazzjoni (MSI); yyyyy huwa n-numru b'ħames ċifri assenjat mill-MSI; u z hija ċifra ta' kontroll.
1 (*)	In-numru ta' identifikazzjoni individwali tal-persuna taxxabbli tal-VAT allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 369d u/jew mal-Artikolu 369xd tad-Direttiva 2006/112/KE, inkluż il-kodiċi tal-pajjiż		x			x	
1 (*)	In-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-persuna taxxabbli allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 369q(1) jew (3) tad-Direttiva 2006/112/KE			x			Għandu jissegwa l-format: IMxxxyyyyyyyz, fejn: xxx huwa l-kodiċi numeriku ISO bi tliet ċifri tal-MSI; yyyyy huwa n-numru b'sitt ċifri assenjat mill-MSI; u z hija ċifra ta' kontroll.
1 (*)	In-numru ta' identifikazzjoni individwali tal-intermedjarju allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 369q(2) tad-Direttiva 2006/112/KE				x		Għandu jissegwa l-format: IMxxxyyyyyyyz, fejn: xxx huwa l-kodiċi numeriku ISO bi tliet ċifri tal-MSI; yyyyy huwa n-numru b'sitt ċifri assenjat mill-MSI; u z hija ċifra ta' kontroll.

		Skema					
A	B	C	D	E	F	G	H
Nru tal-kaxxa	Element tad-data	Mhux tal-Unjoni	L-Unjoni	Importazzjoni	Intermedjarju	Trasferiment	Spjegazzjoni addizzjonali
1a (*)	Jekk il-persuna taxxabbli hija rappreżentata minn intermedjarju, in-numru ta' identifikazzjoni individwali ta' dak l-intermedjarju allokat f'konformità mal-Artikolu 369q(2) tad-Direttiva 2006/112/KE			x			
2a (*)	In-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT għal persuna taxxabbli stabbilita fl-UE fl-Istat Membru ta' identifikazzjoni		x	x	x	x	In-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT għal persuna taxxabbli fl-UE f'konformità mal-Artikolu 214 tad-Direttiva 2006/112/KE Dan huwa n-numru indikat fil-kaxxa 1 għall-iskemi tal-Unjoni u tat-trasferiment ta' merkanzija proprja.
2b	In-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa maħruġ mill-pajjiż li fih il-persuna taxxabbli għandha l-post tan-negozju, jekk ma jkunx fl-UE	x	x	x	x	x	Din il-kaxxa timtela biss meta l-post tan-negozju jkun barra mill-UE.
3	Il-pajjiż li fih il-persuna taxxabbli għandha l-post tan-negozju, jekk ma jkunx fl-UE	x	x	x	x	x	– Obliggatorju għal persuna taxxabbli stabbilita mhux fl-UE, jew – Obliggatorju għal persuna taxxabbli stabbilita fl-UE, b'post tan-negozju barra mill-UE.
4	Dikjarazzjoni elettronika li l-persuna taxxabbli mhijiex stabbilita fl-Unjoni	x	x	x		x	Veru jekk il-persuna taxxabbli mhijiex stabbilita.
5 (*)	Isem il-kumpanija	x	x	x	x	x	L-isem legali tal-kumpanija rreġistrata fl-Istat Membru tal-istabbiliment u magħruf bħala l-isem tal-kumpanija

		Skema					
A	B	C	D	E	F	G	H
Nru tal-kaxxa	Element tad-data	Mhux tal-Unjoni	L-Unjoni	Importazzjoni	Intermedjarju	Trasferiment	Spjegazzjoni addizzjonali
6	L-isem/ismijiet kummerċjali tal-kumpanija jekk differenti minn isem il-kumpanija	x	x	x	x	x	
7	Is-sit(i) web tal-persuna taxxabbli jew tal-kumpanija, meta disponibbli	x	x	x		x	
Dettalji ta' kuntatt							
8	Isem il-persuna ta' kuntatt	x	x	x	x	x	
9	Numru tat-telefon tal-persuna ta' kuntatt	x	x	x	x	x	Il-prefiss rilevanti tal-pajjiż irid jiġi inkluż man-numru
10	Indirizz tal-email ta' kuntatt	x	x	x	x	x	Dan għandu jkun l-indirizz tal-email tal-persuna taxxabbli li se jintuża għall-korrispondenza mal-amministrazzjonijiet tat-taxxa.
11 (*)	Indirizz postali	x	x	x	x	x	– L-indirizz postali sħiħ tal-post tan-negozju barra mill-UE, tal-persuna taxxabbli stabbilita mhux fl-UE, jew – Indirizz postali sħiħ, fl-UE, tal-post tan-negozju/tal-istabbiliment tal-persuna taxxabbli stabbilita fl-UE
Dettalji tal-kont							
12a (*)	IBAN	x	x	x	x	x	Għall-iskema ta' importazzjoni, l-IBAN irid jiġi pprovdut meta l-persuna taxxabbli ma tkunx rappreżentata minn intermedjarju.
12b	OBAN	x					Biss meta ma jkun disponibbli l-ebda IBAN
13	Numru BIC	x					Obbligatorju għan-numru OBAN, fakultattiv għan-numru IBAN

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1869/oj

		Skema					
A	B	C	D	E	F	G	H
Nru tal-kaxxa	Element tad-data	Mhux tal-Unjoni	L-Unjoni	Importazzjoni	Intermedjarju	Trasferiment	Spjegazzjoni addizzjonali
Identifikazzjonijiet oħra							
14.1a	In-numru/i ta' identifikazzjoni individwali tal-VAT jew in-numru/i ta' referenza tat-taxxa maħruġ(a) mill-Istat Membru li fih il-persuna taxxabbli għandha stabbiliment fiss, minbarra l-Istat Membru ta' identifikazzjoni		x	x	x	x	Jista' jiġi indikat stabbiliment fiss wieħed biss għal kull Stat Membru. Madankollu, fejn hemm iktar minn stabbiliment fiss wieħed fl-UE, uża l-kaxxa 14.2a, 14.3a, eċċ. Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta biss jekk il-persuna taxxabbli ma tkunx grupp tal-VAT.
14.1b	Indirizz postali sħiħ ta' dak l-istabbiliment fiss		x	x	x	x	Fejn hemm iktar minn stabbiliment wieħed fiss, uża l-kaxxa 14.2b, 14.3b, eċċ.
15.1	In-numru/i ta' identifikazzjoni individwali tal-VAT jew in-numru ta' referenza tat-taxxa maħruġ(a) mill-Istat Membru li fih il-persuna taxxabbli ma għandha l-ebda stabbiliment fiss	x	x	x	x	x	Fejn hemm iktar minn identifikazzjoni waħda tal-VAT, uża l-kaxxa 15.2, 15.3, eċċ.
16 (*)	Jekk irreġistrat għall-iskema għall-impriżi ż-żgħar, in-numru ta' identifikazzjoni individwali allokat f'konformità mal-Artikolu 284 tad-Direttiva 2006/112/KE		x			x	In-numru ta' identifikazzjoni EX jrid jiġu pprovdut, jekk applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 284(3) tad-Direttiva 2006/112/KE.
17 (*)	In-numru/i ta' identifikazzjoni tal-VAT individwali, allokat(i) mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikoli 362, 369d, 369q jew 369xd tad-Direttiva 2006/112/KE, li l-persuna taxxabbli tkun diġà użat jew qed tuża biex tirreġistra ruħha f'waħda mill-iskemi tal-punt uniku ta' servizz (OSS, One-Stop-Shop).	x	x	x		x	

		Skema					
A	B	C	D	E	F	G	H
Nru tal-kaxxa	Element tad-data	Mhux tal-Unjoni	L-Unjoni	Importazzjoni	Intermedjarju	Trasferiment	Spjegazzjoni addizzjonali
17a (*)	In-numru/i tal-intermedjarju allokat(i) mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni skont l-Artikolu 369q(2) tad-Direttiva 2006/112/KE jekk l-intermedjarju kien jaġixxi bħala tali qabel				x		
Indikaturi							
18	Indikatur jekk il-persuna taxxabbli hijiex interfaċċa elettronika msemmija fl-Artikolu 14a tad-Direttiva 2006/112/KE		x	x			Veru jekk il-persuna taxxabbli hija pjattaforma li taġixxi bħala fornitur meqjus
19 (*)	Indikatur jekk il-persuna taxxabbli hijiex grupp tal-VAT		x	x		x	Veru jekk il-persuna taxxabbli hija grupp tal-VAT. Jekk veru, l-istabbilimenti fissi ma jridux jiġu pprovduti fil-kaxxa 14.
Dati							
20	Data tal-bidu: id-data meta l-persuna taxxabbli tibda tuża l-iskema.	x	x	x		x	Din id-data tista' tkun ukoll qabel id-data tar-reġistrazzjoni għall-iskemi tal-Unjoni, mhux tal-Unjoni u tat-trasferiment ta' merkanzija proprja. Għall-iskema ta' importazzjoni, id-data tal-bidu hija d-data tar-reġistrazzjoni meta lill-persuna taxxabbli jew lill-intermedjarju jiġi allokat numru fl-iskema speċjali għall-bejgħ b'distanza ta' oġġetti importati minn territorji terzi jew minn pajjiżi terzi ("Import-One-Stop-Shop").

		Skema					
A	B	C	D	E	F	G	H
Nru tal-kaxxa	Element tad-data	Mhux tal-Unjoni	L-Unjoni	Importazzjoni	Intermedjarju	Trasferiment	Spjegazzjoni addizzjonali
21 (*)	Data tat-talba: id-data li fiha l-persuna taxxabbli titlob li tiġi rreġistrata taħt l-iskema	x	x	x	x	x	
22 (*)	Data tar-reġistrazzjoni: id-data li fiha l-Istat Membru ta' identifikazzjoni jiddeċiedi dwar ir-reġistrazzjoni mitluba	x	x	x	x	x	

(*) Id-data trid tinġabata mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni, jekk disponibbli.

ANNESS II

Dettalji dwar l-istatus ta' persuna taxxabbli jew ta' intermedjarju fir-reġistru ta' Stat Membru ta' identifikazzjoni

	Kodiċi tal-esklużjoni	Ir-raġuni għat-tibdil fir-reġistru tal-istatus tal-persuna taxxabbli	Ir-raġuni għat-tibdil fir-reġistru tal-istatus tal-intermedjarju
Id-data minn meta l-bidla hija effettiva		Numru ta' identifikazzjoni tal-VAT individwali ta' persuna taxxabbli allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni, inkluż il-kodiċi tal-pajjiż għar-reġistrazzjoni tagħha fl-iskema mhux tal-Unjoni, tal-Unjoni, ta' importazzjoni jew ta' trasferiment ta' merkanzija proprja	In-numru individwali ta' identifikazzjoni ta' intermedjarju allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni, li jinkludi l-kodiċi tal-pajjiż
	1	Il-persuna taxxabbli tiġi eskluża fuq talba jew *ex officio* u ma tkun mistennija l-ebda attività taxxabbli (a) Il-persuna taxxabbli jew, meta rilevanti, l-intermedjarju li jaġixxi f'isimha, tkun innotifikat lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni li l-persuna taxxabbli ma għadhiex tipprovdi servizzi u/jew oġġetti jew trasferimenti koperti mill-iskema speċjali; (b) L-Istat Membru ta' identifikazzjoni jassumi li l-attivitajiet taxxabbli tal-persuna taxxabbli koperti bl-iskema speċjali jkunu ntemmu.	L-intermedjarju jiġi eskluż fuq talba jew *ex officio* u ma tkun mistennija l-ebda attività taxxabbli (a) L-intermedjarju ma jkunx aġixxa bħala intermedjarju f'isem ebda persuna taxxabbli li tagħmel użu mill-iskema ta' importazzjoni għal perjodu ta' żewġ trimestri konsekuttivi; (b) L-intermedjarju ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jaġixxi bħala tali; (c) L-intermedjarju talab li volontarjament ma jibqax jaġixxi bħala intermedjarju.
	3	Il-persuna taxxabbli tiġi eskluża fuq talba jew *ex officio* u għadhom mistennija attivitajiet taxxabbli (a) Il-persuna taxxabbli jew l-intermedjarju li jaġixxi f'isimha tkun talbet li titlaq mill-iskema volontarjament; (b) Il-persuna taxxabbli m'għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-użu ta' din l-iskema speċjali; (c) Il-persuna taxxabbli tinnotifika l-intenzjoni tagħha li tiġi identifikata fi Stat Membru ta' identifikazzjoni ġdid.	L-intermedjarju jiġi eskluż fuq talba jew *ex officio* u għadhom mistennija attivitajiet taxxabbli L-intermedjarju jinnotifika l-intenzjoni tiegħu li jiġi identifikat fi Stat Membru ġdid ta' identifikazzjoni.
	4	Il-persuna taxxabbli b'mod persistenti ma tikkonformax mar-regoli tal-iskema speċjali.	L-intermedjarju b'mod persistenti ma jikkonformax mar-regoli tal-iskema speċjali.

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1869/oj

ANNESS III

Dikjarazzjonijiet tal-VAT

		Skema			
A	B	C	D	E	F
Nru tal-kaxxa	Element tad-data	Mhux tal-Unjoni	L-Unjoni	Importazzjoni	Trasferiment
Parti 1: Informazzjoni ġenerali					
1	In-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT individwali allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 362 tad-Direttiva 2006/112/KE	X			
1	In-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT individwali allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 369d u mal-Artikolu 369xd tad-Direttiva 2006/112/KE, inkluż il-kodiċi tal-pajjiż		X		X
1	In-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT individwali allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 369q(1) jew (3) tad-Direttiva 2006/112/KE			X	
1a	Jekk il-persuna taxxabbli hija rappreżentata minn intermedjarju, in-numru ta' identifikazzjoni ta' dak l-intermedjarju allokat f'konformità mal-Artikolu 369q(2) tad-Direttiva 2006/112/KE			X	
2	Il-perjodu tat-taxxa ([1])	X	X	X	X
2a	Id-data tal-bidu u d-data tat-tmiem tal-perjodu ([2])	X	X	X	X
2b	Numru ta' referenza uniku allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni ([3])	X	X	X	X
It-tieni parti: Għal kull Stat Membru ta' konsum li fih hija dovuta l-VAT/Għal kull Stat Membru li lejnu jiġu ttrasferiti l-oġġetti					
2(a) Servizzi pprovduti mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni u stabbiliment(i) fiss(i) barra l-Unjoni; Provvisti ta' servizzi f'konformità mal-Artikolu 26 tad-Direttiva 2006/112/KE, wara trasferiment ta' merkanzija proprja taħt l-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja 2(b) Bejgħ b'distanza intra-Komunitarja ta' oġġetti mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni; Provvisti ta' oġġetti mingħajr dispaċċ jew trasport jew fejn id-dispaċċ jew it-trasport jibda u jintemm fl-Istat Membru ta' identifikazzjoni, jekk ma jkun hemm l-ebda stabbiliment fiss f'dak l-Istat Membru ([4]) ([5]); **Provvisti ta' oġġetti f'konformità mal-Artikoli 16 u 18 tad-Direttiva 2006/112/KE, wara trasferiment ta' merkanzija proprja taħt l-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja 2(c) Trasferimenti ta' merkanzija proprja mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni**		**X**		**X**
3.1	Kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru tal-konsum (MSCON)/Stat Membru li għalih jiġu ttrasferiti l-oġġetti ([6])	X	X	X	X
4.1	Ammont taxxabbli tal-oġġetti trasferiti				X

		Skema			
A	B	C	D	E	F
Nru tal-kaxxa	Element tad-data	Mhux tal-Unjoni	L-Unjoni	Importazzjoni	Trasferiment
5.1	Ammont taxxabbli	X	X	X	
6.1	Tip ta' rata standard jew imnaqqsa tal-VAT, jew eżentata bid-dritt ta' tnaqqis ([7])	X	X	X	
7.1	Rata tal-VAT ([8])	X	X	X	
8.1	L-ammont totali tal-VAT	X	X	X	
9.1	L-ammont totali tal-VAT pagabbli għall-provvisti ta' servizzi dikjarati fil-parti 2a u l-provvisti ta' oġġetti dikjarati fil-parti 2b	X	X	X	
2(d)	**Servizzi pprovduti minn stabbilimenti fissi fi Stati Membri minbarra l-Istat Membru ta' identifikazzjoni;**				
2(e)	**Bejgħ b'distanza intra-Komunitarja ta' oġġetti minn Stat Membru minbarra l-Istat Membru ta' identifikazzjoni; Provvisti ta' oġġetti mingħajr dispaċċ jew trasport jew fejn id-dispaċċ jew it-trasport jibda u jintemm fi Stat Membru minbarra l-Istat Membru ta' identifikazzjoni, jekk ma jkun hemm l-ebda stabbiliment fiss f'dak l-Istat Membru** ([4]) ([5]);		**X**		**X**
2(f)	**Trasferimenti ta' merkanzija proprja minn Stat Membru minbarra l-Istat Membru ta' identifikazzjoni**				
	In-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT individwali tal-istabbiliment fiss jew, jekk mhux disponibbli, in-numru ta' referenza tat-taxxa, inkluż il-kodiċi tal-pajjiż ([9]):		X		X
	— li minnu jsiru l-provvisti tas-servizzi; jew		X		
	— li minnu jintbagħtu jew jiġu ttrasportati l-oġġetti; jew		X		
	— li minnu jiġu ttrasferiti l-oġġetti.				X
10.1	Numru ta' identifikazzjoni tal-VAT individwali/numru ta' referenza tat-taxxa mingħajr stabbiliment fiss fl-Istat Membru li minnu/fih jiġu pprovduti l-oġġetti ([9])		X		
	Numru ta' identifikazzjoni tal-VAT individwali/numru ta' referenza tat-taxxa mingħajr stabbiliment fiss fl-Istat Membru li minnu jiġu ttrasferiti l-oġġetti ([9])				X
	Il-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru li minnu jiġu pprovduti/ittrasferiti l-oġġetti ([9]), f'wieħed mill-każijiet li ġejjin: — meta l-provvisti tal-oġġetti jsiru f'konformità mal-Artikolu 14a(2) tad-Direttiva 2006/112/KE; — meta l-persuna taxxabbli ma jkollhiex identifikazzjoni tal-VAT fl-Istat Membru li minnu/fih jiġu pprovduti l-oġġetti; — meta l-persuna taxxabbli ma jkollhiex identifikazzjoni tal-VAT fl-Istat Membru li minnu jiġu ttrasferiti l-oġġetti.		X		X

		Skema			
A	B	C	D	E	F
Nru tal-kaxxa	Element tad-data	Mhux tal-Unjoni	L-Unjoni	Importazzjoni	Trasferiment
11.1	Il-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru tal-konsum (MSCON)/Stat Membru li lejnu jiġu ttrasferiti l-oġġetti ([10])		X		X
12.1	Ammont taxxabbli tal-oġġetti ttrasferiti				X
13.1	Ammont taxxabbli		X		
14.1	Tip ta' rata standard jew imnaqqsa tal-VAT, jew eżentata bid-dritt ta' tnaqqis ([7])		X		
15.1	Rata tal-VAT ([11])		X		
16.1	L-ammont totali tal-VAT		X		
17.1	L-ammont totali tal-VAT pagabbli għall-provvisti ta' servizzi dikjarati fil-parti 2d u l-provvista ta' oġġetti dikjarati fil-parti 2e		X		
2(g)	**Aġġustament tat-tnaqqis għall-oġġetti li jkunu ġew ittrasferiti f'konformità mal-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja**		**X**		
18.1	Il-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru ta' konsum (MSCON, Member State of consumption) ([12])		X		
19.1	L-ammont ta' VAT pagabbli għal kull aġġustament tat-tnaqqis ([13])				
20.1	Fattur(i) li jagħti/u lok għal kull aġġustament kif determinat mill-Istat Membru rilevanti ([14])		X		
21.1	Għall-oġġetti kapitali, id-data tal-bidu tal-perjodu ta' aġġustament wara t-trasferiment		X		
22.1	L-ammont ta' VAT pagabbli għall-aġġustament tat-tnaqqis		X		
2(h)	**Total kumplessiv ta' provvisti ddikjarati taħt il-partijiet 2(a), 2(b), 2(d), 2(e) u 2(g)**		**X**		
23.1	L-ammont totali tal-VAT (Kaxxa 9.1 + Kaxxa 17.1 + Kaxxa 22.1) ([15])		X		
	Parti 3: Għal kull Stat Membru ta' konsum, jew kull Stat Membru li għalih l-oġġetti jiġu ttrasferiti, li għalih issir korrezzjoni				
24.1	Il-perjodu tat-taxxa ([1])	X	X	X	X
25.1	Il-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru li minnu jiġu ttrasferiti l-oġġetti				X
26.1	Il-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru tal-konsum, tal-Istat Membru li għalih jiġu ttrasferiti l-oġġetti	X	X	X	X
27.1	L-ammont totali tal-VAT li jirriżulta minn korrezzjonijiet ta' provvisti ([16])	X	X	X	
28.1	L-ammont taxxabbli li jirriżulta minn korrezzjonijiet ta' trasferimenti ([16])				X

		Skema			
A	B	C	D	E	F
Nru tal-kaxxa	Element tad-data	Mhux tal-Unjoni	L-Unjoni	Importazzjoni	Trasferiment
29.1	Raġuni għall-korrezzjoni ([17])	X	X	X	X
Parti 4: Bilanċ tal-VAT dovut għal kull Stat Membru ta' konsum					
30.1	L-ammont totali tal-VAT dovut, inklużi l-korrezzjonijiet ta' dikjarazzjonijiet preċedenti għal kull Stat Membru (Kaxxa 23.1 + Kaxxa 27.1) ([15])	X	X	X	
Parti 5: Ammont totali tal-VAT dovut għall-Istati Membri kollha ta' konsum					
31	L-ammont totali tal-VAT dovut għall-Istati Membri kollha (Kaxxa 30.1 + 30.2. …) ([18])	X	X	X	

([1]) Għall-iskemi tal-Unjoni u mhux tal-Unjoni, il-perjodu tat-taxxa huwa relatat ma' trimestri kalendarji: T1.ssss – T2.ssss – T3.ssss – T4.ssss. Għall-iskemi ta' importazzjoni u ta' merkanzija proprja, il-perjodu tat-taxxa huwa relatat ma' xhur kalendarji: M01.ssss – M02.ssss – M03.ssss – eċċ.

([2]) Trid timtela' biss f'każijiet meta l-persuna taxxabbli tippreżenta aktar minn dikjarazzjoni waħda tal-VAT għall-perjodu tat-taxxa. Tirrigwarda l-jiem kalendarji: jj.xx.ssss – jj.xx.ssss.

([3]) In-numru ta' referenza uniku kif allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jikkonsisti mill-kodiċi tal-pajjiż għall-MSI/għan-numru/għall-perjodu tal-VAT – jiġifieri CZ/xxxxxxxxx/Q1.yyy (jew /M01.yyyy għall-iskema ta' importazzjoni) + żid il-kronogramma. In-numru għandu jiġi allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni qabel it-trażmissjoni tad-dikjarazzjoni lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati.

([4]) Inklużi l-provvisti ffaċilitati permezz ta' interfaċċa elettronika msemmija fl-Artikolu 14a(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, anke meta l-interfaċċa elettronika tkun ġiet stabbilita f'dan l-Istat Membru.

([5]) Inklużi provvisti ta' oġġetti skont l-Artikoli 36, 37 u 39 tad-Direttiva 2006/112/KE.

([6]) Meta jkun hemm aktar minn Stat Membru wieħed ta' konsum (MSCON)/Stat Membru li lejnu jiġu ttrasferiti l-oġġetti, uża l-kaxxi 3.2 sa 9.2, eċċ.

([7]) F'konformità mal-Artikoli 98, 101a, 105a u 151.

([8]) Meta tiġi applikata aktar minn rata waħda matul il-perjodu ta' ritorn, uża l-kaxxi 5.x.2, 6.x.2, 7.x.2, 8.x.2, eċċ. Meta l-provvista tkun eżentata bid-dritt ta' tnaqqis, trid tissemma rata ta' 0 %.

([9]) Meta jkun hemm aktar minn stabbiliment fiss wieħed, numru ta' identifikazzjoni mingħajr stabbiliment fiss wieħed jew kodiċi tal-pajjiż wieħed, uża l-kaxxi 10.2 sa 17.2, eċċ.

([10]) Meta jkun hemm aktar minn Stat Membru ta' konsum (MSCON) wieħed/Stat Membru wieħed li lejnu ġew ittrasferiti l-oġġetti, uża l-kaxxi 11.x.2 sa 17.x.2, eċċ.

([11]) Meta tiġi applikata aktar minn rata waħda matul il-perjodu ta' ritorn, uża l-kaxxi 13.x.x.2, 14.x.x.2, 15.x.x.2, 16.x.x.2, eċċ. Meta l-provvista tkun eżentata bid-dritt ta' tnaqqis, trid tissemma rata ta' 0 %.

([12]) Meta jkun hemm aktar minn Stat Membru ta' konsum (MSCON) wieħed, uża l-kaxxi 18.2, 19.2, 20.2, 21.2.x, 22.2.x, eċċ.

([13]) Meta jkun hemm aktar minn aġġustament wieħed għal kull Stat Membru ta' konsum, uża l-kaxxi 19.x.2 u 20.x.2, eċċ.

([14]) Lista predefinita ta' raġunijiet bħall-bidla fl-użu; l-użu għal eżenzjoni mingħajr tnaqqis; oħrajn.

([15]) Meta jkun hemm aktar minn Stat Membru ta' konsum (MSCON) wieħed, uża l-kaxxi 9.2 + 17.2 + 22.2, eċċ. u l-kaxxi 23.2 + 27.2, eċċ.

([16]) Dan l-ammont jista' jkun negattiv.

([17]) Lista predefinita ta' raġunijiet bħall-annullament tat-tranżazzjoni (eż. ritorn tal-oġġetti), żball fir-rati tal-VAT, dettalji tat-tranżazzjonijiet żbaljati (eż. servizzi minflok oġġetti, żbalji fl-ammont taxxabbli, munita, MSCON żbaljat), oħrajn.

([18]) Ammonti negattivi fil-kaxxi 30.1, 30.2, eċċ. ma jistgħux jitqiesu."